MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 986/2012

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Priscilla Vella, bint Carmel, Imwielda Pieta’ fis-26 ta’ Mejju, 1984, karta ta’ l-identita numru 263484(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f’Settembru, 2012 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża’ dwar xi grajja limerika, għamlet qliegħ b’qerq ta’ aktar minn €232.94 iżda anqas

minn €2,329.37 għad-dannu ta’ Jodie Caruana, Aaron Busuttil, Cliven Bonnici, Samuel Dimech, Karen Axiaq, Angie Gauci, Stephanie Farrugia, Antonella Busuttil, Anthony Busuttil, Ariane Busuttil, Christian Demicoli, Raymond Demicoli, Silvana Demicoli, Ann Marie Demicoli u Alex Azzopardi;
2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi approprjat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna/i oħra, is-somma ta’ aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 għad-dannu ta’ Jodie Caruana, Aaron Busuttil, Cliven Bonnici, Samuel Dimech, Karen Axiaq, Angie Gauci, Stephanie Farrugia, Antonella Busuttil, Anthony Busuttil, Ariane Busuttil, Christian Demicoli, Raymond Demicoli, Silvana Demicoli, Ann Marie Demicoli u Alex Azzopardi, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; liema delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depozitu neċessarju.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet infurmata li l-ammont li ġie misappropjat kien ta’ €1,169 u dan ġie mħallas lura lill-parte ċivile qabel ma bidet din il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Settembru, 2012 fejn l-imputata ammettiet it-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża. Issibha ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali.

Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------